Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 53

It- Tnejn,13 ta' Marzu 2023

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.17pm

**53.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

53.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta'apoloġija.

**53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

53.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal- Ħamsin, Wieħed u Ħamsin u Tnejn u Ħamsin laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

53.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**53.3 Komunikazzjoni tas- Sindku**

53.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill fuq il-laqgħa kordjali li kellu l-Kunsill mad- Direttur Ġenerali tal-Public Works fir-rigward tal-poszizzjoni tal-Kunsill li ma jersaqx għal ffirmar ta' Gomorino Bridge biex r-reponsabbilitajiet inkluzi dawk tat-tiswijiet fuq l-istess pont jgħaddi f'idejn il-Kunsill. Bħala Kunsill aħna fid-dover li nagħmlu manutenzjoni fuq dik it-triq skond kif hemm miktub fil-liġi tal-Kunsilli Lokali.

53.3.2 Is- Sindku nfurma lill- Kunsill li nħareġ il-permess minn Transport Malta u ERA biex isir intervent fuq is-siġra li tinsab fi Triq Il-Muzew

53.3.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill fuq il-laqgħa li kellu ma' uffiċċjali ta' l-Awtorita' tat- Turizmu fuq it-tiġdid ta' ftehim li kellu jiġi ffirmat fl-2019 biex il-kamra li hemm fi Torre dello Standardo tintuza bħala Tourist Information Office. Bħala Awtorita' tawna l-kelma li fil-futur qarib dan ser jiġi ffirmat.

53.3.4 Is- Sindku talab li l-bollards li jinsabu fid-daħla tal -Kunsill jitwaħħlu f' Saqqajja Hill biex b'hekk nevitaw li nġenji kbar jiltilgħu fuq il-pavimentar l-ġdid li sar u jagħmlu ħsara.

53.3.5. Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li waqt il-laqgħa tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni ta' L- Mdina ġie deċiz li ser isir restawr mal-faċċata fid- daħla ta' l-Mdina kif ukoll restawr fuq il-biebien tad-dħul fil-belt.

53.3.6 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li ir-Reġjun tal-Punent għaddej bil-preparamenti u kien hemm progress sostanzjali biex parti minn Torre dello Standardo tingħata lilhom biex tintuza bħala sede tagħhom.

53.3.7 Is- Sindku wera' l-preokkupazjoni tiegħu għal istat li jinsabu fihom il-mini ta' taħt l-Mdina minn fejn kienet tgħaddi l-ferrovija fl-antik u talab li tintbgħat ittra lil Awtorita' ta' L-Artijiet fejn jiġu mgħarrfa b'dan biex tittieħed xi forma ta' deċizjoni fuq dawn il-mini.

**53.4 Kwotazzjonijiet Accountant u Accountant Technician- Aġġudikazzjoni**

53.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijet għal servizzi ta' accountant u accountant technician għal sena mal-Kunsill Lokali

53.4.2 L-irħas offerta kienet dik ta' DGalea Consultants Ltd għas-somma ta' € 5876.40

53.4.2 Fuq proposta tal-Kunsilliera Mary Ann Sultana li kienet ssekondata mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant, il-Kunsill approva li l-kuntratt jingħata lil Dgalea Consultants Ltd.

**53.5 Offerti Mitfugħa għal- Servizzi ta' Perit- MLC/01/2023- Aġġudikazzjoni**

53.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport tal- Bord ta' Evalwazzjoni fuq l-offerti mitfugħa għal servizzi ta' perit mal-Kunsill ta' L-Mdina

53.5.1.1 Is- SE qal li minn dan ir-rapport, il-kumitat kien qed jipproponi li l-Kuntratt jiġi offrut lil Design and Technical Resources Ltd peress li kienet l-irħas offerta kif ukoll li amministrittivament u teknikament kienu konformi ma' dak stabbilit fit-tender.

53.5.2 Fuq proposta tal-Kunsilliera Camille Scerri li kienet ssekondata mill- Kunsilliera Maryann Sultana, il-Kunsill approva li l-kuntratt jingħata lil DTR Ltd.

**53.6 Ħruġ ta' Tender għal- Servizzi ta' Electrician u Handyman**

53.6.1 Is- Sindku qal li wasal iz-zmien li x-xogħolijiet li kienu jiġu mitluba minn zmien għal zmien biex isir manutenzjoni kemm fuq dak elettriku kif ukoll manutenzjonijiet oħra li jkun hemm bzonn isir ġewwa l-lokalita', li tinħareġ sejħa għall-offerti għal servizzi ta' electrician u handyman.

Huwa qal li f'dawn l-aħħar sentejn il-manutenzjoni fuq l-infrastruttura li hawn fil-lokalita' zdied b' mod essenzjali minħabba diversi fatturi fosthom l-influs ta' turisti li jiġi jzuru l-Mdina kif ukoll li l-popolazzjoni f'pajjizna zdiedet u għaldastant aktar Maltin u dawk li jgħixu hawn Malta jigu jzuru din il-belt. Ma setax jonqos ukoll il-vandalizmu li jsir ta' kuljum fi Howard Gardens fuq il-bollards tad-dawl.

53.6.2 Il-Kunsill approva unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

**53.7 Ilmenti u items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill**

53.7.2 MEE- Ittra mingħand is- Segretarju Permanenti fejn qed jitlob li għal Earth Hour Day jiġu mitfija xi dwal fil-lokalitajiet konċernati. Il-Kunsill ser jitlob lid- Direttorat tar- Restawr biex jitfu għal siegħa is-swar ta' l-Mdina.

53.7.2 MAFA- OPS- Ittra mingħand d- Dipartiment ta' l-Agrikoltura biex tiġi organizzata il-Festa ta' L- Mnarja ġewwa l-Mdina. Is- Sindku talab li ssir laqgħa ma' l-uffiċċjali.

53.7.3 Medieval Villages Itinerary- Email mingħand is- Sindku ta' Ribadavia (Spagna) fejn tat lil Kunsill update fir-rigward ta' l-applikazzjoni li sejra ssir issa fl-2024 għar-raġuni li kien hemm xi pajjiz li rtira l-interess tiegħu għal fondi ewropej b'rabta mal- Proġett Creative Europe.

## 53.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

53.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 13 ta' Marzu 2023 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 38,881.69

53.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

## 53.9 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss

49.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 17.28pm u ġiet aġġornata għas- 11 ta' April 2023

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___11 ta' April 2023__